

L-istorja tal-baġit tal-UE

Affarijiet Baġitarji



Parlament Ewropew

Dipartiment Tematiku għall-Affarijiet Baġitarji

Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni
PE 636.475 – Mejju 2019

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI
DIPARTIMENT TEMATIKU D: AFFARIJET BAĠITARJI

L-istorja tal-baġit tal-UE

ANALIŻI FIL-FOND

Riassunt

Il-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu tliet pilastri: in-nefqa tiegħu, il-finanzjament tiegħu u l-awditjar tiegħu. Dan id-dokument jagħti ħarsa lejn l-oriġini tal-baġit, l-iżvilupp tiegħu permezz ta' ppjanar pluriennali u ta' bbaġitjar annwali. Jagħmel dan fost is-setgħat li qed jinbidlu tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-baġit, u l-evoluzzjoni tal-finanzjament tiegħu u tal-proċess tal-awditjar. Sa mill-ewwel Komunità Ewropea tal-1952, kien hemm tensjoni fuq l-ibbaġitjar fost l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, u rabta mill-qrib bejn ir-riformi għan-nefqa u dawk għall-finanzjament.

Dan id-dokument intalab mill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew.

AWTUR

Dr Giacomo Benedetto, Kattedra Jean Monnet fil-Politiki tal-Unjoni Ewropea, Royal Holloway, University of London

AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Is-Sur Niels Fischer
Dipartiment Tematiku għall-Affarijiet Baġitarji
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
Email: poldep-budg@europarl.europa.eu

VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Original: EN
Traduzzjoni: BG, CS, DA, DE, EL, ES, ET, FI, FR, HR, HU, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, SV

DWAR L-EDITUR

Biex tikkuntattja lid-Dipartiment Tematiku jew biex tabbona fil-bullettin tiegħu, jekk jogħġbok ikteb lil:

poldep-budg@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Mejju 2019.
Brussels, © European Union, 2019.

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:

<http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/supporting-analyses-search.html>

DISCLAIMER

L-opinjoni espressti f'dan id-dokument huma r-responsabilità esklużiva tal-awtur u mhux bilfors jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni ta' dan id-dokument għal finijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors u li l-pubblikatur jiġi notifikat minn qabel u jirċievi kopja.

WERREJ

WERREJ	3
LISTA TA' TABELLI	4
LISTA TA' FIGURI	4
SOMMARJU EŻEKUTTIV	5
1. L-ORĠINI TAL-BAĠIT	6
1.1 Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, 1952	6
1.2 Il-Komunità Ekonomika u l-Komunità dwar l-Enerġija Atomika, 1958	6
1.3 It-Trattat li Jgħaqqad, 1967	7
1.4 It-Trattati tal-Lussemburgu, 1970 u ta' Brussell, 1975	8
2. MIS-SUQ KOMUNI GĦAS-SUQ INTERN	10
2.1 Perspettivi Finanzjarji u Oqfsa Finanzjarji Pluriennali mill-1988	10
2.2 Il-Baġit Annwali u t-Trattat ta' Lisbona mill-2009	12
3. IR-RIŻORSI PROPRJI MILL-1970	14
3.1 Ir-riżorsi proprji fis-snin sebgħin	14
3.2 Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit f'Fontainebleau, 1984	19
3.3 Riżorsi Proprji u Suq Intern	19
L-AWDITJAR TAL-BAĠIT	22
5.1 Impenji, pagamenti u RAL	23
5.2 Approprjazzjonijiet differenzjati u approprjazzjonijiet mhux differenzjati	23
5.3 Preallokazzjoni u nonpreallokazzjoni	23
5.4 Ftehim bejn Ġentlomi	23
5.5 "L-ebda linji baġitarji mingħajr bażi ġuridika"	24
REFERENCES	25
ANNESI	28

LISTA TA' TABELLI

Tabella 1: Perċentwali tal-kontribuzzjonijiet u saħħa tal-vot tal-Istati Membri, 1958-74	14
Tabella 2: Evoluzzjoni tar-Riżorsi Proprji mill-1970	16

LISTA TA' FIGURI

Figura 1: Il-proċedura baġitarja tal-1975	9
Figura 2: Perċentwali ta' nefqa mill-1988 (linja bażi: impenji ta' 1.28 % tal-PNG fl-1993-99)	11
Figura 3: Il-proċedura baġitarja wara l-2009	13
Figura 4: Evoluzzjoni tar-Riżorsi Proprji mill-1958	20

LISTA TA' ANNESSI

ANNEX I	
Kronoloġija tal-baġit tal-UE	28
ANNEX II	
Iċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Baġit Annwali u l-Kwittanza tiegħu, eżempju tal-baġit 2019	29
ANNEX III	
Impenji ta' nefqa pluriennali mill-1988	30

SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-ewwel komunità għall-faħam u l-azzar tal-Ewropa rat id-dawl fl-1952, b'istituzzjonijiet ċentrali u indipendenti li kellhom setgħat li jżidu t-taxxi fis-setturi tal-faħam u l-azzar. Dan kien imur lil hinn mill-kontroll dirett tal-Istati Membri. Jekk illum il-ġurnata l-politiki tal-baġit tal-Unjoni Ewropea huma kkaratterizzati mir-retiċenza tal-awtoritajiet nazzjonali li jippermettu lill-Unjoni teżerċita attività baġitarja, din it-tensjoni ilha tinħass kważi 70 sena. Wara s-snin sittin, ir-rwol tal-Komunità tal-Faħam u l-Azzar naqas. Il-Komunità tal-Enerġija Atomika u dik Ekonomika li ġew wara, u l-Unjoni Ewropea li ħadet posthom, ma ħallewx lill-istituzzjonijiet ċentrali tagħhom jeżerċitaw setgħa li jżidu t-taxxa diretta.

Dan id-dokument janalizza s-setgħat ta' tfassil tal-baġit tat-tliet Komunitajiet Ewropej imwaqqfa fis-snin ħamsin. Jispjega il-funzjonament tal-baġits tagħhom u l-bidliet li seħħew tul is-snin sittin hekk kif il-Komunitajiet twaħħdu u n-nefqa żdiedet f'oqsma ta' politika ġodda, b'mod partikolari fil-Fond Soċjali Ewropew u fl-agrikoltura. Din iż-żieda fin-nefqa ħolqot tensjoni bejn l-Istati Membri bi prijoritajiet differenti li ġiet solvuta permezz tat-Trattat tal-Lussemburgu tal-1970. Is-soluzzjonijiet inkludew bażi ta' finanzjament permanenti għall-baġit, u ż-żieda fis-setgħa ta' emenda u kontroll tal-baġit min-naħa tal-Parlament Ewropew.

In-nefqa kompliet tiżdied fis-snin sebgħin u tmenin bl-introduzzjoni, u aktar tard bl-espansjoni, tal-politika ta' koeżjoni. Mill-1979, il-Parlament Ewropew issaħħaħ permezz tal-elezzjoni diretta tiegħu – qabel kien jinħatar mill-parlamenti nazzjonali – u ma qabilx fuq kwistjonijiet ta' baġit mal-Kunsill, ir-rappreżentant tal-Istati Membri. Hekk kif fl-1987 tnedia l-programm tas-suq intern, kien se ikun meħtieġ aktar investiment u għaldaqstant baġit akbar. L-ippjanar finanzjarju (jew il-perspettivi finanzjarji) pluriennali taffa ftit mit-tensjoni tal-proċessi annwali.

Wara jiġi indirizzat il-finanzjament storiku tal-baġit. Dan jaf il-bidu tiegħu bil-ftehim dwar il-finanzjament permanenti tal-baġit li ġie konkluż fl-istess żmien tat-Trattat tal-Lussemburgu tal-1970. Maż-żieda fin-nefqa fis-snin sebgħin u tmenin, żdiedet it-tensjoni fuq in-naħa tal-finanzjament, hekk kif il-Britanniċi kienu diżappuntati bl-iżbilanċ baġitarju tagħhom. Fl-1984, ġiet allokata lill-Britanniċi "korrezzjoni" permanenti. Aktar tard dan wassal għall-iżvilupp ta' "korrezzjonijiet" żgħar għal Stati Membri oħra. Fl-1988, il-baġit tal-ġejjieni, ferm aktar imdaqqas minħabba is-suq intern, kellu bżonn żieda fil-finanzjament tiegħu, li saret permezz ta' riżorsa ġdida msejsa fuq il-prodott nazzjonali gross ta' kull Stat Membru. Minn dakinhar, il-finanzjament varja mingħajr bidliet kbar għajr tnaqqis fl-użu tat-taxxa fuq il-valur miżjud u żieda konkomitanti fil-kontribuzzjoni mill-ġid nazzjonali.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-awditjar, jiġu spjegati r-rwoli tal-istituzzjonijiet tal-awditjar fil-Komunitajiet inizjali. Fl-1975 twaqqfet il-Qorti tal-Awdituri bħala istituzzjoni indipendenti. Il-Qorti tipproduċi rapport annwali dwar il-kontijiet tal-Unjoni, u tagħżel li tippubblika "dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni" jekk il-kontijiet ikunu regolari. Sa mill-1979, il-Parlament għandu kumitat speċjalista dwar l-awditjar li jgħarbel il-kontijiet annwali u r-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Imbagħad iħejji d-deċiżjoni tal-Parlament dwar ir-ratifika tal-kontijiet tas-sena permezz ta' "kwittanza".

It-taqsimha finali tiddefinixxi ċerti termini tekniċi fil-lingwaġġ tal-baġit. Dawn jinkludu impenji, pagamenti u impenji pendenti (RAL), approprjazzjonijiet differenzjati u mhux differenzjati, preallokazzjoni u nonpreallokazzjoni, u s-sinifikat tal-"Ftehim bejn Ġentlomi", u l-kunċett ta' "Ebda linji baġitarji mingħajr bażi ġuridika".

Il-kronoloġija tal-istorja tal-baġit tinsab fl-Anness I fi tmiem dan id-dokument.

1. L-ORIĠINI TAL-BAĠIT

- Kif kienu jaħdmu l-baġits tal-Komunitajiet oriġinali
- L-implikazzjonijiet tat-twaħħid tal-Komunitajiet
- Iż-żieda fin-nefqa tal-Komunitajiet
- It-trattati dwar il baġits tas-snin sebgħin u t-tiŝiħ tas-setgħatal-Parlament Ewropew dwar baġits annwali.

1.1 Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, 1952

L-ewwel Komunità politika Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) rat id-dawl fl-1952. Ir-rwol tagħha kien li tirregola l-industriji tal-faħam u l-azzar fis-sitt Stati Membri fundaturi (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands) u li toħloq suq uniku għal dawn il-prodotti. Il-KEFA kienet immexxija minn erba' istituzzjonijiet ċentrali u integrati:

- L-Awtorità Għolja, l-eżekuttiv, li kienet il-predeċessur tal-Kummissjoni Ewropea;
- Kunsill rappreżentant tal-Istati Membri, ippresedut għal tliet xhur minn wieħed mill-Istati Membri skont sistema ta' rotazzjoni;
- Assemblea magħmula minn delegati mill-parlamenti nazzjonali, il-predeċessur tal-Parlament Ewropew u
- Qorti biex tiddeċiedi kontenzjużi legali.

L-Awtorità l-Għolja kienet teżerċita setgħat konsiderevoli fl-oqsma tal-faħam u l-azzar. Dawn kienu jinkludu l-ġestjoni indipendenti tal-finanzi tal-KEFA. Għall-kuntrarju tal-Komunitajiet Ewropej li ġew wara, il-KEFA ma kinitx topera fuq baġit annwali. Il-KEFA kien iffinanzjata permezz ta' imposta ta' massimu ta' 1 % tal-fatturat tal-industriji tal-faħam u l-azzar, tariffi fuq importazzjonijiet ta' faħam u azzar, u multi ekwivalenti għal massimu ta' 5 % tal-fatturat tal-intrapriżi affettwati. L-Awtorità Għolja stabbiliet l-imposta f'dawn il-limiti, u din setgħet tiġi mblukkata biss b'maġġoranza ta' erbgħa mis-sitt Stati Membri tal-Kunsill.

Il-finanzi miġbura permezz ta' din it-taxxa Ewropea, l-imposta, setgħu jintużaw biss għan-nefqa amministrattiva mill-istituzzjonijiet tal-KEFA (l-Artikolu 78 tal-KEFA) jew għal riċerka teknika u ekonomika dwar il-faħam u l-azzar (l-Artikolu 55 tal-KEFA). Għall-adattament mill-ġdid tas-setturi tal-faħam u l-azzar (l-Artikolu 56 tal-KEFA), il-KEFA setgħet tislef flus, miġbura minn self mis-swieq finanzjarji (l-Artikolu 51.1 tal-KEFA), bit-tiġrib ta' dejn li mbaġħad ġie pprojbit fi trattati Ewropej sussegwenti. In-nefqa amministrattiva kellha tkun awtorizzata unanimament mill-"Kumitat tal-Erba' Presidenti", magħmul mill-Presidenti tal-erba' istituzzjonijiet, ippresedut mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

1.2 Il-Komunità Ekonomika u l-Komunità dwar l-Enerġija Atomika, 1958

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) inħolqu fl-1958. Dawn kienu mmexxija minn istituzzjonijiet li għadhom jeżistu: il-Kummissjoni, jiġifieri l-eżekuttiv, l-Assemblea (illum il-Parlament Ewropew), il-Kunsill, li jirrappreżenta il-gvernijiet tal-Istati Membri, u l-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-baġit tal-Euratom kien maqsum f'intestaturi operazzjonali (amministrattivi) u tar-Riċerka u l-Investment. Il-baġits tal-Euratom u tal-KEE kellhom ikunu f'bilanċ – għall-kuntrarju ta' dak tal-KEFA – u l-proċeduri tagħhom huma s-sisien tal-proċedura baġitarja tal-lum: il-Kummissjoni kienet tipproponi baġit annwali, l-Assemblea kienet tiġi kkonsultata u l-Kunsill kien jiddeċiedi (l-Artikolu 171 tal-Euratom; l-Artikolu 199 tal-KEE).

Mill-1958, fl-ewwel parti ta' kull sena, kull istituzzjoni u aġenzja kienu jibagħtu l-estimi tal-bżonnijiet finanzjarji futuri tagħhom. F'Settembru, imbagħad, il-Kummissjoni kienet tipproponi l-baġit għas-sena li jmiss. Il-Kunsill kien jiddeċiedi permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK)¹ tal-membri tiegħu sa Ottubru. L-Assemblea kellha żmien xahar biex tipproponi tibdil. Il-Kunsill imbagħad kien jieħu deċiżjoni finali permezz ta' VMK, jew b'deċiżjoni unanima skont il-qasam ta' politika.

Jekk sa qabel is-sena l-ġdida ma kienx ikun hemm qbil dwar il-baġit, kienu jidħlu fis-seħħ baġits proviżorji, jew "dodiċeżmi proviżorji" (l-Artikolu 204 tal-KEE) kif għadu jiġri sal-lum (l-Artikolu 315 tat-TFEU).

Ladarba l-baġit jiġi approvat, timplimentah il-Kummissjoni. L-Artikolu 179 tal-Euratom u l-Artikolu 209 tal-KEE, bħat-trattati sussegwenti, kienu jipprevedu l-adozzjoni ta' Regolament Finanzjarju, att leġiżlattiv ordinarju biex jiġu stabbiliti r-regoli għall-amministrazzjoni tal-baġit lil hinn minn dak li kienu jispeċifikaw it-trattati.

Fl-aħħar, l-Artikolu 180 tal-Euratom u l-Artikolu 206 tal-KEE stabbilew proċedura tal-awditjar u bord tal-verifika (ara t-taqsim 4 ta' dan it-tgħarrif).

1.3 It-Trattat li Jgħaqqad, 1967

Fl-1967 daħal fis-seħħ trattat li jgħaqqad id-diversi Komunitajiet Ewropej. Dan għaqqad l-Awtorità Għolja mal-Kummissjoni Ewropea, u ħoloq struttura unika ta' Parlament Ewropew (PE), Kunsill, Qorti tal-Ġustizzja u Bord tal-Verifika. L-imposta tal-KEFA baqgħet sal-2002 u kienet tiġi deċiża mill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li d-dritt tal-PE li jiġi kkonsultat dwar il-baġits tal-Euratom u tal-KEE ġie estiż għal dak tal-KEFA (De Feo 2015a: 23). L-awditur separat tal-KEFA baqa' jservi sal-1977. Il-baġit tal-Komunità Ewropea ħa f'idejha l-ispejjeż amministrattivi tal-KEFA u ġie abolit il-"Kumitat tal-Erba' Presidenti" It-Trattat KEFA skada fl-2002 u l-arranġamenti finanzjarji għall-faħam u l-azzar għaddew għalkollox taħt il-baġit tal-Unjoni Ewropea (UE).

Il-persjoni għat-tibdil tat-trattati dwar il-baġits ġiet flimkien mal-iżvilupp tal-politiki ta' nefqa Ewropej. Il-KEFA u l-Euratom kellhom baġits ta' investment sa mill-bidu. Fl-1958 ġiet varata l-ewwel politika ta' nefqa tal-KEE, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li investiet fit-taħriġ vokazzjonali u l-inseriment mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda.

Il-Politika Agrikola Komuni nibtet bħala qasam tan-nefqa fl-1962 (De Feo 2015b: 30) biex issostni sussidji agrikoli f'ekonomiji oħra bħal dawk tal-Istati Uniti. L-enfasi kienet fuq il-produzzjoni, filwaqt li l-

¹ Kull Stat Membru kellu numru ta' voti skont id-daqs tiegħu. Bejn l-1958 u l-2009, il-livell minimu għall-maġġoranza kwalifikata, f'każ li ma tapplikax l-unanimità, varja bejn 67 % u 74 % tal-voti. Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-livell minimu nbidel għal 55 % tal-Istati Membri, li jirrappreżentaw tal-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-UE. Il-voti għal kull Stat Membru fis-snin sittin huma murija fit-Tabella 1.

preokkupazzjonijiet ambjentali u l-orjentazzjoni lejn is-suq daħlu biss snin wara. Kien previst li n-nefqa agrikola tiġi ffinanzjata permezz ta' tariffi, li ġew approvati biss fl-1970. Sa dakinhar kienu japplikaw il-kontribuzzjonijiet fissi minn kull Stati Membru. L-ewwel perjodu ta' finanzjament kien pluriennali mill-1962 sal-1965, meta ġie mġedded għal tliet snin oħra. Kibret il-persjoni għal trattat ġdid li seta' jiggarrantixxi finanzjament fit-tul għall-agrikoltura (mitlub minn Franza) bi skambju ma' kontroll akbar fuq il-baġit għall-PE u ftuħ lejn l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Komunitajiet, li Franza kkonċediet lill-membri l-oħra.

1.4 It-Trattati tal-Lussemburgu, 1970 u ta' Brussell, 1975

Sal-1970, il-PE kien eżerċita biss id-dritt li jiġi kkonsultat f'dak li huwa baġit, iżda issa kien qed jitlob id-dritt li jimponi emendi. It-trattati tal-Lussemburgu u ta' Brussell ħabtu mal-ewwel tkabbir tal-Komunità bid-dħul tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit, id-deċiżjoni li jinħolqu riżorsi proprji jew finanzjament permanenti għall-baġit permezz ta' tariffi u taxa fuq il-valur miżjud (VAT) (ara t-taqsima 3), u l-ħolqien ta' Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali bħala risposta għall-bżonnijiet ta' żvilupp ta' reġjuni fl-Irlanda, l-Italja u r-Renju Unit.


It-trattat tal-1970 qasam in-nefqa f'żewġ tipi: nefqa obligatorja (NO), li l Komunità kellha l-obbligu kuntrattwali li tħallasha minħabba d-definizzjoni vaga bħala "nefqa li neċessarjament tirriżulta minn dan it-Trattat jew mill-atti adottati miegħu" (l-Artikolu 272(4) tal-KE), u kwalunkwe nefqa oħra li kienet meqjusa bħala nefqa mhux obligatorja (NMO). Il-klassifikazzjoni tan-nefqa bħala NO jew NMO ġabet magħha tilwim minħabba li kull tip ta' nefqa kien jikkonferixxi setgħat diversi lill-Kunsill u lill-PE. Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet il-kwistjoni lill-PE u l-Kunsill sabiex jiddeċiedu huma (Parlament Ewropew, Kunsill u Kummissjoni 1982). Għotjiet diretti fl-agrikoltura u s-sajd, u n-nefqa relatata ma' ftehimiet internazzjonali kienu meqjusa bħala NO, filwaqt li kważi l-bqija kienet titqies bħala NMO, distinzjoni li baqgħet kważi sat-Trattat ta' Lisbona tal-2009 (Benedetto u Høyland 2007)

Skont il-proċedura tal-1975 (ara Figura 1), il-Kunsill kien jivvota b'VMK. Jekk il-Kunsill u l-PE ma kinux jaqblu, il-Kunsill seta' jimponi fuq il-PE l-preferenza tiegħu għan-NO, filwaqt li l-PE seta' jagħmel l-istess, jimponi r-rieda tiegħu fuq il-Kunsill għan-NMO. Fl-1975, il-PE kiseb definittivament is-setgħa li jirrifjuta l-baġit.

It-trattati tal-1970 u tal-1975 biddlu wkoll s-setgħat ta' awditjar tal-Kunsill u tal-PE, u fl-1977 il-Bord tal-Verifika sar istituzzjoni Komunitarja msejja l-Qorti tal-Awdituri (ara t-taqsima 4).

Fl-aħħar, it-trattat tal-1970 ta lok għar-riżorsi proprji fil-Komunità kollha biex jieħdu post il-kontribuzzjonijiet fissi tal-Istati Membri, li kienet teħtieġ l-adozzjoni ta' att ġuridiku ġdid imsejjaħ id-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji (għal aktar informazzjoni ara t-taqsima 3).

Figura 1: Il-proċedura baġitarja tal-1975



Sors: adattata minn Benedetto u Høyland (2007).

2. MIS-SUQ KOMUNI GĦAS-SUQ INTERN

- Il-Parlament elett u kunflitt baġitarju
- Il-mixja lejn suq intern
- Ippjanar finanzjarju pluriennali
- Baġits annwali u t-Trattat ta' Lisbona

Fl-1979 saru l-ewwel elezzjonijiet diretti għall-PE. Issa kien hemm baġit akbar li seta' jkopri politiki agrikoli, soċjali u ta' żvilupp reġjonali, sostnut minn finanzjament sod permezz tar-riżorsi proprji (ara t-taqsimha 3)


Matul il-medda tas-snin sebgħin u tmenin, il-ftehim inizjali tal-1970 beda jitfarrak. Il-PE elett beda jitlob li jkollu influwenza akbar – għall-bidu ma qabilx mal-baġits tal-1980, tal-1985, tal-1986 u tal-1988 (De Feo 2017: 47). Wara nuqqas ta' qbil u wara li sar rikors għall-baġits proviżorji ta' kull xahar, il-baġit annwali għall-1980 dam seba' xhur biex jiġi approvat. Il-baġit tal-1982 ġie adottat mill-PE mingħajr il-qbil tal-Kunsill dwar in-NMO li wassal għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ġiegħlet lill-PE u lill-Kunsill jinnegozjaw definizzjoni ta' x'inhu kkategorizzat bħala NO u NMO (De Feo 2017: 49).

Wara r-ratifika tal-Att Uniku Ewropew fl-1987, li ħoloq is-Suq Intern, il-Kummissjoni pproponiet pjanijiet għal ftehim ġdid bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-PE (magħruf bħala l-Ftehim Interistituzzjonali) dwar baġit għal żmien itwal, jew perspettiva finanzjarja (Kummissjoni Ewropea 1987). Il-konsegwenza kienet żieda fid-daqs tal-baġit, b'mod partikolari għall-koeżjoni reġjonali fil-Greċja, il-Portugall u Spanja, sabiex tittejjja t-triq għas-Suq Intern. Introduċa l-ippjanar fit-tul, u għamel il-baġit aktar stabbli fuq meded ta' bosta snin, sabiex itemm il-kunflitt dwar il-baġit tas-snin tmenin bejn il-PE u l-Kunsill. Il-pakkett dam mill-1988 sal-1992 (Figura 2 u Anness III).

2.1 Perspettivi Finanzjarji u Oqfsa Finanzjarji Pluriennali mill-1988

L-ewwel perspettiva finanzjarja fit-tul bdiet fl-1988. It-Trattat ta' Lisbona fl-2009, din bdiet tissejjaħ Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), hekk kif il-kunċett tal-QFP iddaħħal fit-trattati taħt l-Artikolu 312 tat-TFEU. Dawn il-pakketti jstabbilixxu livelli massimi ta' nefqa. In-nefqa reali tgħaddi f'idejn programmi ta' nefqa bħall-Fond Soċjali Ewropew, bil-flejjes żborżati f'baġits annwali. Mill-lat proċedurali, il-Kummissjoni tipproponi il-perspettiva jew il-QFP. Dan ikun jeħtieġ qbil bejn il-PE u Kunsill unanimu. Qabel l-2009, kien jeħtieġ ukoll ratifika fil-parlamenti nazzjonali, li illum m'għadx hemm bżonnha. Jekk ma jkunx hemm qbil dwar programm ta' nefqa pluriennali ġdid, hekk kif il-qadim ikun wasal biex jiskadi, iseħħ id-differiment tal-livelli ta' nefqa preeżistenti anki jekk il-programmi ta' nefqa jkunu skadew. Qabel l-2009, il-Kummissjoni, jew il-Kunsill, jew il-PE kellhom is-setgħa li jivvutaw it-tmiem tal-programmazzjoni pluriennali u jmorru lura għas-sitwazzjoni tal-baġits annwali, kif kien il-każ qabel l-1988. Mill-2009, it-Trattat ta' Lisbona neħħa din is-setgħa ta' sabotaġġ. Nuqqas ta' qbil fuq QFP iġib miegħu d-differiment ta' dak preċedenti.

Figura 2: Perċentwali ta' nefqa mill-1988 (linja bażi: impenji ta' 1.28 % tal-PNG fl-1993-99)



Sors: Anness II

Kemm intefaq mill-1988? Kif juri l-Anness III, l-impenji, li huma l-infiq previst, kibru f'termini reali minn 1.00 % tal-ġid kollektiv tal-KEE – prodott nazzjonali gross (PNG) – għal 1.20 % fl-1988, minħabba d-deċiżjoni li jsir investiment fil-programm tas-suq intern, b'mod partikolari fil-koeżjoni ta' reġjuni inqas żviluppatti. Fl-1993, dawn żdiedu għal 1.28 % biex jippermettu investiment akbar fil-Koeżjoni tul il-preparamenti għad-dħul fis-seħħ tal-euro fi tmiem is-snin disgħin, u fil-politiki interni fosthom ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Sabiex l-Istati Membri l-antiki jiġu mħejjija biex fl-2004 jikber in-numru ta' membri tal-Unjoni Ewropea (UE), il-perjodu ta' ppjanar li beda fl-2000 ra tnaqqis f'termini reali fil-baġit ta' 1.08 % tal-PNG. Żdiedu l-allokazzjonijiet għall-politiki interni bħar-R&I, u għall-għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni, filwaqt li tnaqqset in-nefqa fl-agrikoltura. Wara t-tkabbir tal-UE tal-2004, kien hemm tnaqqis ieħor fin-nefqa fl-2007, li ra żieda żgħira għall-"kompetittività" hekk kif l-parti l-kbira tal-politiki interni ngħataw isem ġdid. In-nefqa totali fl-agrikoltura u fl-iżvilupp rurali tnaqqset, u ġiet introdotta intestatura li bilkemm kienet qatt irċeviet finanzjament, dwar iċ-ċittadinanza, il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Fl-2014, in-nefqa f'termini reali tnaqqset ulterjorment għal 1 % tal-introjt nazzjonali gross (ING),² fejn żdied il-finanzjament għall-kompetittività, b'mod partikolari fir-R&I, u tnaqqas il-finanzjament għall-agrikoltura.

Iċ-ċifri proposti għall-perjodu ta' finanzjament li jibda fl-2021 jantiċipaw żieda ta' 1.11 % tal-ING biex jitqies l-effett tal-ħruġ mill-UE tar-Renju Unit. L-intestatura tal-Kompetittività issa se tissejjaħ Suq Uniku iżda se tiffil il-programm Erasmus+ li se jgħaddi taħt subintestatura bl-isem ta' Valuri. Billi l-programm Erasmus+ se jiġi riallokati, il-bqija ta' dak li kien taħt "Kompetittività" se jieħu żieda sostanzjali fil-proposta. Il-koeżjoni u l-agrikoltura se jitnaqqsu b'mod sinifikanti fid-dawl tal-kriżi migratorja u dik tas-sigurtà, l-intestaturi l-qodma għaċ-Ċittadinanza u għall-Ewropa Globali (politika barranija) se jiġu kkonfigurati mill-ġdid b'nefqa miżjuda b'mod konsiderevoli taħt intestaturi ġodda għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri, il-Viċinat (tal-Ewropa) u d-Dinja, u s-Sigurtà u d-Difiża. Iċ-ċifri rrapportati f'dan il-paragrafu huma l-bażi tal-proposta tal-Kummissjoni, u f'Mejju 2019 għadhom suġġett għall-emendi u l-ftehim mill-Kunsill u l-PE.

Figura 2 turi l-piżijiet dejjem jinbidlu ta' kull tip ta' nefqa tal-politika f'termini tas-sehem perċentwali mill-1988. Il-livell għoli ta' impenji (projezzjonijiet ta' nfiq) ta' 1.28 % tal-PNG fil-perjodu 1993-99 huwa meħud bħala linja bażi. Baġit totali inqas minn 1.28 % tal-PNG huwa għażla, li jfisser li l-iffrankar li jsir f'qasam ta' politika wieħed ma jiġix reinvestit f'qasam ieħor mill-UE. Għall-perjodi l-oħra, in-nefqa f'perċentwali skont il-qasam hija proporzjonata għal-livelli tal-1993-99, u dawk "mhux baġitarji" jidhru bojod fil-pie charts.

2.2 Il-Baġit Annwali u t-Trattat ta' Lisbona mill-2009


Mill-2009, il-proċedura tal-baġit annwali nbidlet radikalment minn dik tal-1975 spjegata fil-Figura 1. Il-proċedura l-ġdida (l-Artikoli 314-315 tat-TFEU) hija illustrata fil-Figura 3. Hija simili għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fejn il-Kunsill u l-PE jiddeċiedu flimkien fuq il-parti l-kbira tal-leġiżlazzjoni tal-UE, għalkemm jeżistu differenzi importanti. Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' baġit annwali huwa spjegat fl-Anness II.

Il-Kummissjoni tipproponi, il-Kunsill jiddeċiedi jew jemenda permezz ta' VMK, u min-naħa tiegħu l-PE jista' jemenda permezz tal-maġġoranza assoluta tal-Membri. Jekk il-Kunsill u l-PE ma jaqblux, kumitat ta' konċiljazzjoni magħmul minn membri taż-żewġ istituzzjonijiet jipprova jsib kompromess. Jekk fi

² ING hija definizzjoni ta' kontabilità nazzjonali li tixbah ferm lill-prodott domestiku gross u l-PNG, iżda b'daqsxajn korrezzjonijiet biex jiġi rifless il-ġid relattiv. Fl-2007 l-ING ħa post il-PNG bħala d-definizzjoni ta' kontabilità għad-daq tal-baġit.

żmien tliet ġimgħat il-kumitat ta' konċiljazzjoni ma jilħaqx qbil, il-baġit ma jitqiesx adottat u l-Kummissjoni jista' jkollha tipproponi wieħed ġdid. Jekk il-kumitat ta' konċiljazzjoni jilħaq qbil, id-deċiżjoni tiegħu trid tiġi approvata mill-PE u mill-Kunsill. Hemm xi eżiti mhux realistiki oħra spjegati xi mkien ieħor (Benedetto 2013: 359).

Figura 3: Il-proċedura baġitarja wara l-2009



Jekk sal-31 ta' Diċembru ma jkunx intlaħaq qbil fuq baġit ġdid, id-dodiċeżmi proviżorji jsiru effettivi fis-sena l-ġdida. Dawn huma baġits ta' kull xahar b'valur ta' 1/12 tan-nefqa tas-sena preċedenti jew ta' dik proposta mill-Kummissjoni (skont liema hu l-aktar baxx). Il-Kunsill jista' jvarja din in-nefqa. Il-PE jista' biss jimblokka xi żidiet. Dan jagħmilha aktar probabbli li l-baġits annwali jkunu aktar baxxi (Benedetto 2013). Hemm lok għall-eċċezzjonijiet fejn il-PE jista' juża ftehim dwar QFP ġdid biex jirbaħ konċessjonijiet mill-Kunsill. Dan seħħ fl-2013 meta kien qed jiġi diskuss il-finanzjament pluriennali għall-2014-2020. Bi skambju għall-qbil tiegħu dwar il-QFP, il-Parlament iggarantixxa nefqa kemxejn

akbar għas-snin 2013 u 2014, konċessjoni ta' aktar flessibilità fil-QFP, u reviżjoni tar-riżorsi proprji tal-baġit (Benedetto 2019).

3. IR-RIŻORSI PROPRJI MILL-1970

- Kif inhu ffinanzjat il-baġit
- Il-finanzjament permanenti maqbul fl-1970
- Il-"korrezzjoni" Britannika u korrezzjonijiet oħra
- Lura għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali permezz tal-introjtu nazzjonali gross

3.1 Ir-riżorsi proprji fis-snin sebgħin

Ir-riżorsi proprji huma l-finanzjament jew in-naħa tad-dħul tal-baġit, u r-riforma tagħhom ġieli marret id f'id ma dik tan-nefqa. Bejn l-1952 u l-2002, il-KEFA kienet iffinanzjata permezz ta' imposta fuq il-fatturat tal-industriji tal-faħam u l-azzar. L-Euratom u l-KEE inizjalment kienu ffinanzjati skont formuli fit-trattati tagħhom (l-Artikolu 172 tal-Euratom; l-Artikolu 200 tal-KEE) kif muri f'Tabella 1. Il-kontribuzzjonijiet għall-FSE u l-programmi ta' riċerka tal-Euratom kienu aktar baxxi fl-Italja u fin-Netherlands, fatt li jirrifletti livelli aktar baxxi ta' ġid imqabbla mal-finanzjament ta' politiki oħra. L-Artikolu 200 tal-KEE ppermetta lil dawn ir-riżorsi proprji reali jieħdu post dawn ir-rati proviżorji, li kienu ġew miftiehma fl-1970 permezz ta' bidla fit-trattati, segwiti mill-ewwel Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji (Kunsill 1970). Il-kontenut tal-ftehim tal-1970 u tas-suċċessuri tiegħu hu muri fit-Tabella 2. Is-sehem ta' kull riżorsa proprja fil-finanzjament tal-Komunità u aktar tard tal-UE huwa muri fil-Figura 4.

Tabella 1: Perċentwali tal-kontribuzzjonijiet u saħħa tal-vot tal-Istati Membri, 1958-74

	BE	DE	FR	IT	LU	NL
KONTRIBUZZJONIJIET						
Amministrattivi għall-KEE, Euratom 1958-70	7.9	28.0	28.0	28.0	0.2	7.9
Kontribuzzjonijiet tal-KEE għall-Fond Soċjali Ewropew 1958-70	8.8	32.0	32.0	20.0	0.2	7.0
Kontribuzzjonijiet għar-riċerka Euratom, 1958-70	9.9	30.0	30.0	23.0	0.2	6.9
Tranżizzjonali bl-introduzzjoni tar-riżorsi proprji, 1971-74	6.8	32.9	32.6	20.2	0.2	7.3
SAĦĦA TAL-VOT						
Voti għal kull pajjiż lejn maġġoranza kwalifikata ta' 12/17 sal-1972	2	4	4	4	1	2
Voti għal kull pajjiż għal deċiżjonijiet dwar il-FSE, 67/100 sal-1972	8	32	32	20	1	7

Sorsi: (l-Artikoli 148, 200 u 203 tal-KEE; l-Artikolu 176 tal-Euratom; Kunsill 1970)

Il-baġit ġie stabbilit f'1 % tal-PNG. Dan kellu jkun iffinanzjat permezz ta' imposta fuq l-agrikoltura u z-zokkor, u bit-tariffa doganali esterna. Jekk dawn ma jkunux biżżejjed, il-bqija tinġabar permezz ta' ġbir tal-VAT fl-Istati Membri. Mad-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali tal-KEE fl-1967, diġà kienet teżisti tariffa esterna li iżda kienet f'idejn l-Istat Membru li jiġborha. Din issa kellha tiġi trasferita fuq il-livell Ewropew, iżda 10 % tal-valur tat-tariffa kellu jibqa' għand l-Istat Membru li jiġborha. Il-ftehim ġie implimentat bejn

I-1971 u I-1974, bil-vojt jiġi ffinanzjat permezz ta' proporzjonijiet bejn il-pajjiżi spjegati fit-Tabella 1. Mill-1975, ġbir ta' 1.0 % tal-VAT totali kellu jkun disponibbli, u ġie implimentat sal-1977.

Tabella 2: Evoluzzjoni tar-Riżorsi Proprji mill-1970

1970	1985	1988	1994
Tariffa esterna, Imposti dwar l-Agricoltura u z-Zokkor	Tariffa esterna, Imposti dwar l-Agricoltura u z-Zokkor	Tariffa esterna, Imposti dwar l-Agricoltura u z-Zokkor	Tariffa esterna, Imposti dwar l-Agricoltura u z-Zokkor
Kost ta' 10 % miżmum mill-Istat Membru eżattur Introduzzjoni inkrementali 1971-74	Kost ta' 10 % miżmum mill-Istat Membru eżattur	Kost ta' 10 % miżmuma mill-Istat Membru eżattur	Kost ta' 10 % miżmum mill-Istat Membru eżattur
Rata ta' ġbir tal-VAT ta' 1.0 % mill-1978, rata inkrementali 1975-77	Rata ta' ġbir tal-VAT minn 1.0 % għal 1.4 % fl-1986, setgħa unanima biex tiżdied sa 1.6 % mill-1988	Rata ta' ġbir tal-VAT tibqa' fil-livell ta' 1,4 %	Rata ta' ġbir tal-VAT minn 1,4 % għal 1,0 % b'mod inkrementali 1995-99
		Rata ta' ġbir tal-VAT limitata meta l-infiq tal-konsumaturi jaqbeż il-55 % tal-PNG ta' pajjiż	Rata ta' ġbir tal-VAT limitata għal 50 % tal-PNG għal GR, ES, IE, PT mill-1995, u b'mod inkrementali għall-oħrajn kollha, 1995-99
	Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit tammonta għal 66 % tal-kontribuzzjoni netta tar-Renju Unit iffinanzjata mill-VAT tal-Membri l-oħra	Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit tammonta għal 66 % tal-kontribuzzjoni netta tar-Renju Unit iffinanzjata mill-kwoti tal-PNG tal-Membri l-oħra	Il-korrezzjoni tar-Renju Unit tammonta għal 66 % tal-kontribuzzjoni netta tar-Renju Unit iffinanzjata mill-kwoti tal-PNG tal-Membri l-oħra
	Korrezzjoni tal-korrezzjoni ta' 33 % għal DE Somma f'daqqa ta' ECU 1 biljun imħallsa lir-Renju Unit fl-1985 mis-sehem tal-VAT tal-Membri l-oħra	Korrezzjoni tal-korrezzjoni ta' 33 % għal DE	Korrezzjoni tal-korrezzjoni ta' 67 % għal DE
		Riżorsa tal-PNG tkopri d-differenza	Riżorsa tal-PNG tkopri d-differenza
		Limitu massimu ta' impenji ta' 1.30 % tal-PNG	Limitu massimu ta' impenji ta' 1.335% tal-PNG

		Limitu massimu ta' pagamenti ta' 1.15 % tal-PNG fl-1988, li jiżdied għal 1.20 % sal-1992	Limitu massimu ta' pagamenti ta' 1.21 % tal-PNG fl-1995, li jiżdied għal 1.27 % sal-1999
--	--	--	--

Sorsi: il-Kunsill (1970; 1985; 1988; 1994; 2000; 2007; 2014) u l-Kummissjoni Ewropea (2018a).

Tabella 2. Evoluzzjoni tar-Riżorsi Proprji mill-1970

2000	2007	2014	Proposta għall-perjodu ta' wara l-2020
Tariffa esterna, Imposti dwar l-Agricoltura u z-Zokkor Kost ta' 25 % (miżjud minn 10 %) miżmum mill-Istat Membru eżattur	Tariffa esterna u imposti Kost ta' 25% miżmum mill-Istat Membru eżattur	Tariffa esterna u imposti Kost ta' 20% (imnaqqas minn 25%) miżmum mill-Istat Membru eżattur	Tariffa esterna u imposti Kost ta' 10% (imnaqqas minn 20%) miżmum mill-Istat Membru eżattur
Rata ta' ġbir tal-VAT ta' 1,0 % fl-2000-01, 0,75 % fl-2002-03, 0,5 % mill-2004 Rata ta' ġbir tal-VAT limitata meta l-infiq tal-konsumaturi jaqbeż il-50% tal-PNG ta' pajjiż	Rata ta' ġbir tal-VAT imnaqqsa minn 0.5 % għal 0.3 %, iżda mnaqqsa għal 0.225 % għal AT, għal 0.15 % għal DE, u għal 0,1 % għal NL u SE Rata ta' ġbir tal-VAT limitata meta l-infiq tal-konsumaturi jaqbeż il-50 % tal-ING ta' pajjiż	Rata ta' ġbir tal-VAT ta' 0.3 %, iżda mnaqqsa għal 0.15 % għal DE, NL, SE Rata ta' ġbir tal-VAT limitata meta l-infiq tal-konsumaturi jaqbeż il-50 % tal-ING ta' pajjiż	Rata ta' ġbir tal-VAT ta' 0,3 %, miżjuda għal DE, NL u SE abbażi tar-riżorsa reali tal-VAT
Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit tammonta għal 66 % tal-kontribuzzjoni netta tar-Renju Unit iffinanzjata mill-kwoti tal-PNG tal-Membri l-oħra, eskluż l-effett tan-nefqa ta' qabel it- tkabbir fl-Istati Membri ta' wara l-2004 Korrezzjoni tal-korrezzjoni ta' 75 % għal DE, AT, NL, SE	Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit tammonta għal 66 % tal-kontribuzzjoni netta tar-Renju Unit iffinanzjata mill-kwoti tal-ING tal-membri l-oħra, eskluż l-effett tan-nefqa ta' qabel it- tkabbir fl-Istati Membri ta' wara l-2004 Korrezzjoni tal-korrezzjoni ta' 75 % għal DE, AT, NL, SE Korrezzjonijiet favur NL f'somma f'daqqa annwali ta' EUR 605 miljun u	Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit tammonta għal 66 % tal-kontribuzzjoni netta tar-Renju Unit iffinanzjata mill-kwoti tal-ING tal-Membri l-oħra, b'eċċezzjoni għan-nefqa mhux agrikola fl-Istati Membri ta' wara l-2004 Korrezzjoni tal-korrezzjoni ta' 75 % għal DE, AT, NL, SE Korrezzjoni favur DK f'somma f'daqqa annwali ta' EUR 130 miljun, għal NL	Korrezzjoni favur ir-Renju Unit abolita mill-Brexit. Korrezzjonijiet f'somom f'daqqa favur AT, DE, DK, NL, SE eliminati gradwalment bejn l-2021-25 Rata ta' ġbir ta' 3 % fuq il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva 20 % tad-dħul mill-Iskema Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet Imposta ta' EUR 0.80 għal kull kilo ta' imballaġġ ta' plastik mhux riċiklat

	għal SE ta' EUR 150 miljun, ifffinanzjati mill-ING tal-Istati Membri l-oħra	ta' EUR 695 miljun, għal SE ta' EUR 185 miljun. Għal AT, somma f'daqqa totali ta' EUR 60 miljun, ifffinanzjata mill-ING tal-Istati Membri l-oħrajn kollha	
Riżorsa tal-PNG tkopri d-differenza	Riżorsa tal-ING tkopri d-differenza	Riżorsa tal-ING tkopri d-differenza	Riżorsa tal-ING tkopri d-differenza
Limitu massimu ta' impenji ta' 1.335 % tal-PNG, limitu massimu ta' pagamenti ta' 1.27 % tal-PNG	Limitu massimu ta' impenji ta' 1.31 % tal-ING, limitu massimu ta' pagamenti ta' 1.24 % tal-ING	Limitu massimu ta' impenji ta' 1.29 % tal-ING, limitu massimu ta' pagamenti ta' 1.23 % tal-ING	Limitu massimu ta' impenji ta' 1.35 % tal-PNG Limitu massimu ta' pagamenti ta' 1.29 % tal-PNG

Il-Kummissjoni u l-PE kienu pproponew li l-PE jkollu s-setgħa reali li jinfluwenza l-introduzzjoni ta' u tibdiliet fir-riżorsi proprji fl-1970 u fl-1975, biex il-PE jkun jista' japprova l-imposta prevista mill-KEFA, u biex il-KEE jkollha s-setgħa ta' ħruġ ta' dejn (Benedetto 2017: 619) iżda l-Kunsill ma aċċettax dawn it-tibdiliet. Il-PE ilu minn dak iż-żmien jipprova jinfluwenza r-riżorsi proprji, iżda ma rnexxilux sakemm ma jorbotx ir-riforma ma' kwistjonijiet oħra (Benedetto 2019; Lindner 2006). Ir-riżorsi proprji għadhom jiġu adottati jew modifikati biss jekk bi qbil b'unanimità tal-Kunsill, wara konsultazzjoni tal-PE, u wara r-ratifika f'kull parlament nazzjonali (Artikolu 311 tat-TFUE).

3.2 Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit f'Fontainebleau, 1984

Sal-1984, il-Komunità kienet qed tistrieħ fuq it-tariffa esterna u fuq ir-rata ta' ġbir massima tal-VAT ta' 1.0 %, madankollu l-baġit ma kienx suffiċjenti biex jonora l-impenji preċedenti. Ir-Renju Unit talab li l-iżbilanċ baġitarju tiegħu jiġi indirizzat u kien f'pożizzjoni li jimblokka kwalunkwe deċiżjoni li tirrikjedi qbil unanimu, inkluż dwar iż-żieda fid-daqs tar-rata ta' ġbir tal-VAT jew dwar l-aċċettazzjoni li l-Komunità tikber biex tinkludi l-Portugall u Spanja.

F'Fontainebleau ntlaħaq qbil dwar pakkett fl-1984 (Kunsill 1985), li fih ir-Renju Unit laħaq l-oġettiv tiegħu għalkemm kellu jagħmel xi konċessjonijiet. Ir-Renju Unit rebaħ "korrezzjoni" fil-valur ta' żewġ terzi tad-daqs tal-kontribuzzjoni netta tiegħu, u pagament uniku ta' ECU 1 biljun fl-1986. Sal-1987, din kienet iffinanzjata mill-kwoti tal-VAT tal-Istati Membri l-oħra, għalkemm il-Ġermanja tal-Punent ingħatat skont ta' terz tal-kontribuzzjoni tagħha favur ir-Renju Unit.³ Bi skambju, ir-Renju Unit aċċetta żieda fir-rata ta' ġbir tal-VAT minn 1.0 % għal 1.4 % mill-1986, kif ukoll it-tkabbir tal-Komunità biex tinkludi l-Portugall u Spanja (Benedetto 2017: 623).

3.3 Riżorsi Proprji u Suq Intern

Il-qbil dwar l-Att Uniku Ewropew wassal għal perspettivi finanzjarji fuq perjodu twil b'rabta man-nefqa. Mill-aspett tad-dħul, ittieħdet deċiżjoni ġdida, erba' snin wara Fontainebleau, bil-għan li tiġi ffinanzjata ż-żieda fin-nefqa (Kunsill 1988).

Għall-ewwel darba, intlaħaq qbil dwar limitu massimu għar-riżorsi proprji u dwar in-nefqa, bil-għan li titrażżan iż-żieda fil-baġit. Ir-riżorsi proprji assoluti disponibbli għall-obbligi kollha tal-UE ma setgħux jaqbu il-1.30 % tal-PNG, fornew flus kontanti (f'pagamenti) fil-valur ta' 1.15 % tal-PNG fl-1988, li żdiedu għal 1.20 % sal-1992. Ir-riżorsi proprji tal-VAT kienu limitati wkoll għal dawk il-pajjiżi fejn in-nefqa tal-konsumaturi kienet ta' aktar minn 55 % tal-PNG tagħhom. Dan huwa kumparabbli mal-limitu massimu pluriennali għan-nefqa impenjata ta' 1.20 % tal-PNG, u ta' pagamenti ta' 1.15 % fuq l-istess perjodu.

Iż-żieda fid-daqs tal-baġit fl-1988, u t-tnaqqis effettiv tar-riżorsa tal-VAT, indikaw li kien hemm defiċit. Il-ftehim tal-1988 kien partikolarment importanti minħabba l-introduzzjoni tar-riżorsi tal-ING. Ladarba ġie eżawrit id-dħul mit-tariffi, mill-imposti u mill-VAT, id-differenza "residwa" jew li fadal kienet komposta minn kwota ugwali tal-PNG ta' kull Stat Membru.


Fil-bidu tal-perspettiva finanzjarja ta' wara ntlaħqet Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji ġdida (Kunsill 1994). Bil-għan li tiġi appoġġjata ż-żieda fin-nefqa fis-suq intern u fit-tnejn għall-euro, l-oġġlija livelli (limiti

³ Sa mill-1985, il-"korrezzjoni" tar-Renju Unit evolviet kif indikat fit-Tabella 2. Il-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għan-nefqa mhux agrikola tal-UE fl-Istati Membri li nġhaqdu wara l-2004 mhumiex inklużi fil-kalkolu tal-korrezzjoni.

massimi) għan-nefqa proġettata (impenji) żdiedu minn 1.30 % għal 1.335 % tal-PNG, filwaqt li dawk għall-pagamenti żdiedu minn 1.20 % għal 1.27 % b'mod inkrementali sal-1999. Il-kwota tal-VAT għaddiet minn tnaqqis sinifikanti, b'mod limitat għal dawk il-pajjiżi fejn in-nefqa tal-konsumaturi kienet taqbeż il-50 % tal-PNG: bħal fil-każ tal-Greċja, Spanja, l-Irlanda u l-Portugall mill-1995 u għall-pajjiżi l-oħrajn mill-1999. Ir-rata ta' ġbir tal-VAT ukoll tnaqqset b'mod inkrementali minn 1.4 % għal 1.0 % sal-1999. Meta jitqies it-tkabbir fil-baġit u t-tnaqqis fil-VAT, kull Stat Membru kellu joħroġ aktar flus mill-PNG tiegħu biex jagħmel tajjeb għad-differenza. Id-daqs tal-iskont tal-Ġermanja mill-korrezzjoni favur ir-Renju Unit żdied minn terz għal żewġ terzi.

Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji żammet il-limiti massimi tar-riżorsi u l-korrezzjoni favur ir-Renju Unit bil-għan li tqis it-tkabbir lejn il-Lvant u l-programmazzjoni finanzjarja mill-2000 (Kunsill 2000). Hekk kif ir-Renju Unit kiber ekonomikament, l-Istati Membri l-aktar sinjuri talbu l-abolizzjoni tal-korrezzjoni jew inkella d-dritt li huma wkoll ikollhom il-korrezzjoni tagħhom. Id-deċiżjoni favur żieda minn 10 % għal 25 % fil-"kostijiet" tat-tariffa esterna miżmuma mill-pajjiż eżattur kienet forma ta' korrezzjoni moħbija għan-Netherlands, li għandha l-akbar port kummerċjali fl-Ewropa. Il-korrezzjoni tar-Renju Unit baqgħet ma nbidlitx, iżda r-Renju Unit kellu jipparteċipa bħall-oħrajn fl-għoti ta' għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni li ngħatat lill-Istati Membri l-ġodda wara t-tkabbir tal-2004. F'termini ta' finanzjament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit, l-iskont tal-Ġermanja żdied minn 67 % għal 75 % u dan ġie estiż għall-Awstrija, in-Netherlands u l-Iżvezja. Fl-aħħar nett ir-rata ta' ġbir tal-VAT tnaqqset bin-nofs minn 1.00 % għal 0.75 % fl-2002 u mbaġħad għal 0.50 % mill-2004. Fid-dawl tal-ammont massimu mhux mibdul fir-riżorsi proprji, dan it-tnaqqis fil-finanzjament wassal għal żieda fl-ammont ta' kull Stat Membru mill-PNG (Figura 4, ara wkoll it-Tabella 2).

Figura 4: Evoluzzjoni tar-Riżorsi Proprji mill-1958



Sors: il-Kummissjoni Ewropea (2018a).

Wara t-tkabbir tal-UE u l-limiti massimi tan-nefqa aktar baxxi maqbuli fil-perspettiva finanzjarja tal-2007-2013, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2007 (Kunsill 2007) naqqset il-limiti massimi dwar ir-riżorsi proprji fi dħul previst minn 1.335 % għal 1.31 % tal-ING, u għal pagamenti reali minn 1.27 % għal 1.24 %

tal-ING.⁴ Ir-rata ta' ġbir tal-VAT tnaqqset minn 0.5 % għal 0.3 %, għalkemm ġiet imnaqqsa aktar għall-Awstrija għal 0.225 %, għall-Ġermanja għal 0.15 % u għan-Netherlands u l-lżvezja għal 0.10 % bħala parti minn korrezzjoni għal dawk il-pajjiżi. Barra minn hekk, tħallsu korrezzjonijiet f'somom f'daqqa annwali f'ammonti ta' EUR 605 miljun favur in-Netherlands u ta' EUR 150 miljun favur l-lżvezja, li ġew iffinanzjati mill-ING tal-Istati Membri. It-tnaqqis fir-riżorsa tal-VAT wassal għal żieda fuq l-ammonti meħuda mill-Introjtju Nazzjonali Gross tal-Istati Membri kollha (Figura 4).

Tnaqqis fin-nefqa fil-QFP 2014-2020 wassal għal tnaqqis fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji fid-Deċizzjoni tal-2014 (Kunsill 2014). Dawn tnaqqsu mir-riżorsi previsti (impenji) minn 1.31 % għal 1.29 % tal-ING, u għall-pagamenti minn 1.24 % għal 1.23 % tal-ING. Il-"kostijiet" tal-ġbir miżmuma għall-ġbir tat-tariffa esterna tnaqqsu minn 25 % għal 20 %. Ir-rata ta' ġbir tal-VAT baqgħet fil-livell ta' 3 %, b'żieda għall-Awstrija minn 0.225 %. Għan-Netherlands u l-lżvezja, din għaddiet minn 0.10 % għal 0.15 %, l-istes bħal fil-każ tal-Ġermanja. Tħallsu somom f'daqqa annwali ta' EUR 695 miljun lin-Netherlands, u ta' EUR 185 miljun lill-lżvezja, u għall-ewwel darba, ta' EUR 130 miljun lid-Danimarka. L-Awstrija, minflok, irċeviet ammont ta' EUR 60 miljun ta' darba biss fl-2016. Dawn l-ammonti tħallsu mill-Istati Membri kollha.

Il-korrezzjoni favur ir-Renju Unit baqgħet l-istess, iżda ġie eskluż il-valur tan-nefqa mhux agrikola fl-Istati Membri li ngħaqdu sa mill-2004. L-Awstrija, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-lżvezja baqgħu jirċievu tnaqqis fuq il-kontribuzzjonijiet tagħhom minħabba l-korrezzjoni tar-Renju Unit.

Wara l-2020 u l-abolizzjoni tal-korrezzjoni tar-Renju Unit minħabba l-Brexit, il-Kummissjoni Ewropea (2018a) pproponiet tnaqqis ta' 10 % fil-kostijiet tal-ġbir tat-tariffa esterna, rata ta' ġbir tal-VAT ta' 0.3 % għall-Istati Membri kollha, u korrezzjonijiet f'somom f'daqqa temporanji għall-Awstrija, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-lżvezja, li se jitneħħew gradwalment sal-2025. Hija pproponiet ukoll tliet riżorsi proprji ġodda bbażati fuq ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji (Monti *et al.* 2017): rata ta' ġbir ta' 3 % fuq il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva, kwota ta' 20 % tad-dħul iġġenerat mill-Iskema Ewropea għan-Negożjar ta' Emissjonijiet, u imposta ta' EUR 0.80 għal kull kilo ta' skart ta' imballaġġ ta' plastik mhux riċiklat. Huwa previst li dawn it-tliet riżorsi proprji l-ġodda jżidu madwar 10 % fil-finanzjament meħtieġ għall-baġit tal-UE. Din il-proposta se teħtieġ l-approvazzjoni unanima tal-Kunsill, u wara tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

⁴ Mill-2007 il-baġit u r-riżorsi proprji ġew ikkalkolati f'ING aktar milli f'PNG.

L-AWDITJAR TAL-BAĠIT

- L-Awditur tal-kontijiet tal-Faħam u l-Azzar u l-Bord tal-Awditjar tal-Euratom u tal-KEE
- Il-Qorti tal-Awdituri, ir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni
- Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew
- Kwittanza

Il-proċess ta' awditjar tal-baġits Komunitarji u tal-UE ilu fis-seħħ sa mit-Trattat tal-KEFA fl-1952. Il-Kunsill ħatar awditur b'mandat ta' tliet snin (Artikolu 78.6 tal-KEFA), li kellu jirrapporta lill-"Kumitat tal-Erba' Presidenti" li kien jinkludi fih il-President tal-kull waħda mill-erba' istituzzjonijiet tal-KEFA. L-Awtorità Għolja kellha tirrapporta kull sena dwar il-kontijiet tagħha lill-Kunsill.

L-Euratom u l-KEE kellhom Bord tal-Awditjar mill-1958. Il-Kunsill iddeċieda b'unanimità dwar in-numru ta' awdituri u dwar il-ħatra tagħhom għal mandat ta' ħames snin, inkluż dak tal-President tal-Bord. Il-Bord kellu jeżamina l-kontijiet u jipproduċi rapport dwar il-baġits għal kull sena finanzjarja. Wara dan, il-Kunsill, permezz ta' VMK, kellu jagħti l-"kwittanza" biex japprova n-nefqa għal dik is-sena wara li jseħħ l-awditu u l-eżami tal-kontijiet (Artikolu 180 tal-Euratom; Artikolu 206 tal-KEE).

It-Trattat tal-Lussemburgu tal-1970 estenda xi setgħat ta' awditjar lill-PE bl-għoti ta' setgħa ta' kwittanza konġunta lilu u lill-Kunsill dwar il-baġit (Artikoli 3, 6 u 9, Trattat tal-1970).

It-Trattat ta' Brussell tal-1975 naqqas l-influenza tal-Kunsill f'"rakkomandazzjoni" dwar il-kwittanza, li wara kellha tiġi deċiża mill-PE (Artikoli 9, 17 u 25, Trattat 1975). Aktar sinifikanti minn hekk, il-Bord tal-Awditjar u l-Awditur tal-KEFA nbidlu f'istituzzjoni indipendenti ġdida, jiġifieri l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Din kellu jkollha disa' membri, *de facto* l-istess numru bħan-numru ta' Stati Membri, liema numru żdied hekk kif ingħaqdu aktar pajjiżi. It-Trattat ta' Nizza fl-2003 speċifika li kellu jkun hemm awditur wieħed għal kull Stat Membru. Huma ġew maħtura b'unanimità - jew mill-2003, b'VMK - għal mandat ta' sitt snin wara konsultazzjoni mal-PE, u sa mill-1977 il-Qorti setgħet teleġġi l-President tagħha stess.

Fl-1979, il-PE ġie elett b'suffraġju universali. Għal kwistjonijiet ta' awditjar, ġie stabbilit Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li kien separat mill-Kumitat għall-Baġits tal-PE. Il-Kumitat il-ġdid ħa l-inizjattiva li jħejji votazzjonijiet dwar il-kwittanza separati għall-kull istituzzjoni u aġenzija Komunitarja, inizjattiva li tmur kontra l-fehma tal-Kunsill favur kwittanza waħda (Benedetto *et al.* 2017).

Il-Qorti tal-Awdituri tnejn rapport annwali dwar il-baġit ta' kull sena wara li tirċievi l-kontijiet mill-Kummissjoni Ewropea. Hija tista' teżamina l-attiv, id-dħul u l-passiv tal-UE, u għandha s-setgħa li tawditja n-nefqa tal-UE fil-livell nazzjonali. Mill-1993, il-Qorti għandha wkoll is-setgħa li toħroġ "dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni" li l-kontijiet tal-UE huma affidabbli (Artikoli 45c u 188c tat-TUE). Mill-2003, "din id-dikjarazzjoni tista' tiġi kompletata b'valutazzjoni speċifika għal kull qasam maġġuri ta' l-attività tal-Komunità" (Artikoli 45c, 160c u 248 tat-TUE). Mill-1999, il-kompiti tal-Qorti jmorru lil hinn mill-verifika tal-validità tal-kontijiet għal rapportar dwar każijiet ta' irregolarità (Artikoli 45c, 160c u 188c tat-TUE). Mill-1993, apparti mill-konformità finanzjarja, il-Qorti tfassal ukoll rapporti speċjali dwar il-kwalità tal-politiki relatati man-nefqa.

lċ-ċiklu tal-ħajja ta' baġit annwali tul l-istadji ta' ftehim u awditu huwa spjegat fl-Anness II.

KUNĊETTI ULTERJURI

- Impenji, pagamenti u RAL
- Approprjazzjonijiet differenzjati u mhux differenzjati
- Preallokazzjoni u nonpreallokazzjoni
- Ftehim bejn Ġentlomi
- L-ebda linji baġitarji mingħajr bażi ġuridika

Ċerti termini tekniċi fil-lingwaġġ tal-baġit tal-UE huma spjegati f'din it-taqsimha. Glossarju ta' termini komplut huwa disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/files/glossary_en

5.1 Impenji, pagamenti u RAL

Il-kunċett ta' impenji u pagamenti jidher għall-ewwel darba fit-Trattat tal-Euratom, fl-Artikolu 176. Mill-1988 dawn saru realtà fil-perspettivi finanzjarji u fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji, biex ġiet stabbilita sistema ta' bbaġitjar doppju. Ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju (Artikoli 7 u 12, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill 2018). L-UE timpenja ruħha li tinvesti f'numru ta' snin. L-impenji kollha jiddaħħlu fil-baġit tas-sena li fiha jkunu saru. Ċerti pagamenti jsiru immedjatament mal-varar ta' proġetti, filwaqt li pagamenti oħrajn isiru fis-snin ta' wara hekk malli jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet u jidħol fis-seħħ il-kofinanzjament fil-livell lokali. Il-pagamenti jistgħu jsiru f'perjodu ta' sentejn jew ta' tliet snin, kunċett magħruf bħala $n+2$ jew $n+3$. Huwa rari li l-kundizzjonijiet jiġu kompletament sodisfatti u għalhekk il-pagamenti kważi dejjem ikunu aktar baxxi mil-livell tal-impenji. Id-differenza akkumulata fl-ammonti bejn l-impenji u l-pagamenti hija magħrufa bħala **reste à liquider (RAL, jiġifieri impenji pendenti)**.

5.2 Approprjazzjonijiet differenzjati u approprjazzjonijiet mhux differenzjati

Il-parti l-kbira tan-nefqa hija differenzjata, flief għall-pagamenti diretti għall-agrikoltura u għall-amministrazzjoni tal-UE. Dan ifisser li ġeneralment jingħata kofinanzjament fil-livell lokali jew f'dak nazzjonali biex jinkiseb il-livell tal-impenji finanzjarji magħmula mill-UE fuq medda ta' snin. Fil-każ tal-agrikoltura u tal-amministrazzjoni, li huma nefqa mhux differenzjata, m'hemmx kofinanzjament fil-livell lokali u l-UE tħallas l-ammont sħiħ. F'dan il-każ, il-pagamenti jsiru qrib ħafna tal-impenji.

5.3 Preallokazzjoni u nonpreallokazzjoni

Fil-kuntest tal-QFP u tal-atti ġuridiċi maqbula b'mod parallel, kull Stat Membru jiġi preallokat somom għall-agrikoltura u għall-koeżjoni. Ħafna min-nefqa l-oħra hija nonpreallokata, dan ifisser li l-benefiċjarji eventwali jkollhom jikkompetu biex jikkwalifikaw għall-fondi. L-akbar qasam tan-nefqa nonpreallokata jaqa' taħt l-intestatura tal-Kompetittività.

5.4 Ftehim bejn Ġentlomi

Dan huwa ftehim politiku li sar bejn il-PE u l-Kunsill, li bih kien deċiż li ma jmessux il-baġits amministrattivi ta' xulxin fil-baġit annwali. Il-ftehim imur lura għall-1970 u f'dawn l-aħħar snin ġie kkontestat għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni hija li żdiedu l-kompetenzi mhux leġislattivi tal-Kunsill, il-fatt li l-Kunsill għandu wkoll setgħa eżekuttiva u li huwa jista' jieħu azzjoni fil-qasam tal-politika barranija tal-UE, filwaqt li l-PE huwa sempliċement istituzzjoni leġislattiva. Għalhekk huwa ġustifikat li l-PE jeżerċita setgħa ta' emenda fuq il-baġit tal-Kunsill, għalkemm il-Kunsill xorta ma għandux imiss il-baġit intern tal-PE. It-tieni raġuni hija

li l-Kunsill irreżista l-iskrutinju sħiħ tan-nefqa tiegħu mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-PE. Dan kollu kien is-suġġett ta' dokument ta' tgħarrif u ta' investigazzjoni mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit. (Benedetto *et al.* 2017).

Il-Kunsill hemeż ir-risoluzzjoni li jmiss mat-Trattat tal-1970:

"Il-Kunsill jimpenja ruħu li ma jagħmel l-ebda emenda għall-estimi tan-nefqa tal-Parlament Ewropew. Dan l-impenn għandu jorbot biss sakemm dawn l-estimi ma joħolqux kunflitt mad-dispożizzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikolari mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjeg tal-Uffiċjali u l-Aġenti l-Oħra, u għall-kariga tal-istituzzjonijiet." (Att Uniku Ewropew 1987: 1091).

Bi tweġiba għal mistoqsija parlamentari ta' Hans-Peter Martin, Membru tal-PE fl-2010, il-Kunsill iċċara li: "Din ir-risoluzzjoni dejjem ġiet interpretata u applikata mill-PE u mill-Kunsill li tfisser li kull istituzzjoni żżomm lura milli tqajjem dubji dwar il-baġit amministrattiv tal-oħra." (Parlament Ewropew, 2010).

5.5 "L-ebda linji baġitarji mingħajr bażi ġuridika"

Matul is-sebgħinijiet, ġiet ikkontestata l-kapaċità tal-PE jew tal-Kunsill li joħolqu linji ġodda għal nefqa fil-baġit, li ma kellhomx bażi fl-ebda att ta' akkumpanjament jew f'xi artikolu speċifiku fit-trattati. Il-PE adotta l-pożizzjoni li kull ħaġa li tgħaddi mill-baġit annwali titqies awtomatikament bħala bażi ġuridika u għalhekk ħoloq 15-il linja ġdida fil-baġit tal-1978 (De Feo 2015b: 71). Il-Kunsill u l-Kummissjoni wkoll ħolqu linji ġodda. Deċizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja annullat il-linji baġitarji mingħajr bażi ġuridika li kien intlaħaq qbil dwarhom (Qorti Ewropea 1998). It-tilwima ġiet solvuta bi ftehim dwar il-bażijiet ġuridika u l-implimentazzjoni tal-baġit, li hija inkluża fir-Regolament Finanzjarju tal-UE, u li l-aktar verżjoni reċenti tiegħu hija dik tal-2018 (Parlament Ewropew u l-Kunsill 2018: Artikolu 59). In-nuqqas ta' att ġuridiku separat, jagħti lok għal tliet tipi ta' linji fil-baġit. L-ewwel nett, il-proġetti pilota li jittestjaw il-fattibbiltà ta' xi ħaġa li tista' tiżviluppa, b'limitu ta' sentejn u bi spiża ta' mhux aktar minn EUR 50 miljun fis-sena. Il-programm Erasmus ġie varat fit-tmeninijiet bħala proġett pilota. It-tieni nett, l-azzjonijiet preparatorji, li għandhom l-għan li jħejju inizjattivi futuri u li jistgħu jdumu tliet snin għalkemm jeftieġ att ġuridiku sas-sena nru 3. It-tielet nett, azzjonijiet awtonomi, li jikkonċernaw l-amministrazzjonijiet tal-istituzzjonijiet.

REFERENCES

- Benedetto, G. (2013) 'The EU budget after Lisbon: rigidity and reduced spending?' *Journal of Public Policy* 33(3): 345-369. Benedetto, G. (2017) 'Institutions and the route to reform of the European Union's budget revenue, 1970-2017', *Emprica* 44(4): 615-633.
- Benedetto, G., Rinaldi, D. and Aden, H. (2017) *Democratic accountability of the Council's budget: Council executive powers*, PE 572.723, Brussels: European Parliament.
- Benedetto, G. (2019) 'The European Parliament as a Budgetary Extractor since the Lisbon Treaty', *Journal of European Integration* 41(3): 329-345.
- Benedetto, G. and Høyland, B. (2007) 'The EU Annual Budgetary Procedure: The Existing Rules and Proposed Reforms of the Convention and Intergovernmental Conference, 2002-04', *Journal of Common Market Studies* 45(3): 565-587.
- Council (1970) Council Decision of 21 April 1970 on the replacement of financial contributions from Member States by the Communities' own resources, (70/243/ECSC, EEC, Euratom), *Official Journal* L 094/19, 28/04/1970: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:31970D0243&from=EN>
- Council (1985) Council Decision of 7 May 1985 on the Communities' system of own resources, (85/257/EEC, Euratom), *Official Journal* L 128/15, 14/05/1985: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:31985D0257&from=EN>
- Council (1988) Council Decision of 24 June 1988 on the system of the Communities' own resources (88/376/EEC, Euratom), *Official Journal* L 185/24, 15.7.1988: <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:31988D0376:EN:HTML>
- Council (1994) Council Decision of 31 October 1994 on the system of the European Communities' own resources (94/728/EC, Euratom), *Official Journal* L 293/9, 12.11.1994: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:31994D0728&from=EN>
- Council (2000) Council Decision of 29 September 2000 on the system of the European Communities' own resources (2000/597/EC, Euratom), *Official Journal* L 253/42, 07/10/2000: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32000D0597&from=EN>
- Council (2007) Council Decision of 7 June 2007 on the system of the European Communities' own resources (2007/436/EC, Euratom), *Official Journal* L 163/17, 23.6.2007: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32007D0436&from=EN>
- Council (2013) Council Regulation (EU, Euratom) No 1311/2013 of 2 December 2013 laying down the multiannual financial framework for the years 2014-2020, *Official Journal* L 347/884: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32013R1311>
- Council (2014) Council Decision of 26 May 2014 on the system of own resources of the European Union (2014/335/EU, Euratom), *Official Journal* L 168/105, 7.6.2014: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32014D0335&from=EN>
- De Feo, A. (2015a) 'History of Budgetary Powers and Politics in the EU: The Role of the European Parliament, Part I: European Coal and Steel Community', European Union Study Series, European Parliamentary Research Service, PE 538.883.

- De Feo, A. (2015b) 'History of Budgetary Powers and Politics in the EU: The Role of the European Parliament, Part II: The non-elected Parliament, 1957-1978', European Union Study Series, European Parliamentary Research Service, PE 563.508.
- De Feo, A. (2017) 'The European Budget: Motor or Brake of European Integration? A Walk through 40 Years of Budgetary Decisions', in Becker, S., Bauer, M. and De Feo, A. (eds.) *The New Politics of the European Union Budget*, Baden-Baden: Nomos.
- European Commission (1987) Making a success of the Single Act: a new frontier for Europe, COM (87) 100 final. Brussels: 15.02.1987.
- European Commission (2018a) Proposal for a Council Decision on the system of Own Resources of the European Union, COM(2018) 325 final, 2018/0135 CNS, Brussels , 2.5. 2018: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/system-own-resources-may2018_en.pdf
- European Commission (2018b) A Modern Budget for a Union that Protects, Empowers and Defends: The Multiannual Financial Framework for 2021-2027, COM(2018) final, Brussels, 2.5.2018: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/communication-modern-budget-may2018_en.pdf
- European Court (1998) Judgment of the Court of 12 May 1998 United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland v Commission of the European Communities Community action programme to combat social exclusion - Funding - Legal basis, Case C-106/96: http://csdle.lex.unict.it/Archive/LW/EU%20social%20law/EU%20case-law/Judgments/20120410-010848_JC_106_96enpdf.pdf
- European Parliament (2010) Council reply to parliamentary question E-6478/2009, 10 March 2010: <https://www.europarl.europa.eu/sides/getAllAnswers.do?reference=E-2009-6478&language=EN#ref1>
- European Parliament and Council (2018) Regulation (EU, Euratom) 2018/1046 of the European Parliament and of the Council of 18 July 2018 on the financial rules applicable to the general budget of the Union, amending Regulations (EU) No 1296/2013, (EU) No 1301/2013, (EU) No 1303/2013, (EU) No 1304/2013, (EU) No 1309/2013, (EU) No 1316/2013, (EU) No 223/2014, (EU) No 283/2014, and Decision No 541/2014/EU and repealing Regulation (EU, Euratom) No 966/2012, *Official Journal* L 193/1, 30.7.2018: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018R1046&from=EN>
- European Parliament, Council and Commission (1982) Joint Declaration by the European Parliament, the Council and the Commission of 30 June 1982 on various measures to improve the budgetary procedure, *Official Journal* C 194, 28.07.1982.
- European Parliament, Council and Commission (1988) Interinstitutional Agreement of 29 June 1988 on budgetary discipline and improvement of the budgetary procedure, *Official Journal* L 185/33, 15.07.1988.
- European Parliament, Council and Commission (1993) Interinstitutional Agreement of 29 October 1993 on budgetary discipline and improvement of the budgetary procedure, *Official Journal* C 331/1, 7.12.1993.

-
- European Parliament, Council and Commission Council (1999) Interinstitutional Agreement of 6 May 1999 between the European Parliament, the Council and the Commission on budgetary discipline and improvement of the budgetary procedure, *Official Journal C 172/1*, 18.6.1999.
 - European Parliament, Council and Commission (2006) Interinstitutional Agreement between the European Parliament, the Council and the Commission on budgetary discipline and sound financial management, *Official Journal C 139/1*, 14.6.2006.
 - Lindner, J. (2006) *Conflict and Change in EU Budgetary Politics*, Abingdon: Routledge.
 - Monti M., Daianu D., Fuest C., Georgieva K., Kalfin I., Lamassoure A., Moscovici P., Simonyte I., Timmermans F. and Verhofstadt G. (2017) *Future financing of the EU: final report and recommendation of the High Level Group on own resources*. Brussels: European Commission: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/about_the_european_commission/eu_budget/future-financing-hlgor-final-report_2016_en.pdf
 - Single European Act (1987) Single European Act, Treaties establishing the European Communities, Luxembourg: Office for Official Publications of the European Communities.
 - Traité (1970) Traité portant modification de certaines dispositions budgétaires des traités instituant les Communautés Européennes et du Traité instituant un Conseil unique et une Commission des Communautés Européennes, *Journal Officiel L 2/1*, 2.1.1971.
 - Treaty (1975) Treaty amending certain financial provisions of the Treaties establishing the European Economic Communities and of the Treaty establishing a single Council and a single Commission of the European Communities, *Official Journal. L 359/1*, 31.12.1977

ANNESI

Anness I: Kronoloġija tal-baġit tal-UE

1952: Twaqqif tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Iffinanzjata minn imposta fuq il-fatturat tal-faħam u l-azzar.

1958: Twaqqif tal-Ekonomika u l-Komunità dwar l-Enerġija Atomika. Idbaġitar annwali, bi rwoli speċifiċi għall-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament u għall-Bord tal-Awditjar. Iffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Varar tal-Fond Soċjali Ewropew. Il-Kunsill jista' japprova l-kontijiet billi jagħti l-kwittanza lill-baġit.

1962: Jibda l-finanzjament agrikolu.

1967: Jingħaqdu l-Komunitajiet permezz ta' proċedura baġitarja unika.

1970: Il-Parlament jikseb l-aħħar kelma fuq in-nefqa mhux obligatorja fil-baġit. Jiġu stabbiliti r-riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit permezz ta' tariffi u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Il-Kunsill u l-Parlament, b'mod konġunt, jistgħu jagħtu l-kwittanza lill-baġit. Ftehim bejn ġentlomi li l-Kunsill u l-Parlament ma jattakkawx il-baġits interni ta' xulxin.

1975: Twaqqif tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

1977: Il-Parlament jikseb is-setgħa li jirrifjuta l-baġit. L-għoti konġunt tal-kwittanza min-naħa tal-Kunsill u tal-Parlament jinbidel bl-għoti tal-kwittanza mill-Parlament biss. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tiegħu post il-Bord tal-Awditjar u l-Awditur tal-KEFA.

1978: "L-ebda linja baġitarja mingħajr bażi ġuridika" tevolvi f'tilwima, li tinstema' fil-Qorti fl-1998 u tiġi riżolta permezz tar-Regolament Finanzjarju.

1979: L-ewwel elezzjonijiet diretti tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament jirrifjuta l-baġit tal-1980, jistabbilixxi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, u jagħti l-kwittanza lil kull istituzzjoni u aġenzija minflok minn kwittanza waħda għall-baġit kollu kemm hu.

1984: Il-Kunsill, f'Fontainebleau japprova l-"korrezzjoni" favur ir-Renju Unit u jżid ir-rata ta' ġbir tal-VAT.

1988: Ftehim Interistituzzjonali dwar il-perspettivi finanzjarji fuq il-perjodu twil, inkluża ż-żieda għall-iżvilupp/koeżjoni reġjonali. Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji li tnaqqas id-dipendenza mill-VAT u tintroduċi kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-prodott nazzjonali gross.

1993: Il-Qorti tal-Awdituri tikseb setgħa ġdida li tagħti jew tirrifjuta Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni li tikkonferma li r-regolarità tal-kontijiet annwali tal-UE.

1998: Ir-rifjut tal-Qorti tal-Awdituri li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni għall-kontijiet tal-1996 iwassal biex il-Parlament Ewropew jirrifjuta l-kwittanza, kif ukoll għar-riżenja tal-Kummissjoni f'Marzu 1999.

2006: Il-Parlament Ewropew jirrifjuta l-perspettivi finanzjarji l-ġodda biex jiggarantixxi l-preferenzi ta' politika tiegħu qabel l-approvazzjoni.

2009: Dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona bl-aktar tibdiliet sinifikanti fir-regoli tal-baġit sa mill-1977. Il-proċess ta' konċiljazzjoni għall-baġit annwali jfisser li jintlaħaq qbil tard għall-baġits tal-2011, l-2013, l-2015 u l-2019.

Anness II: Iċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Baġit Annwali u l-Kwittanza tiegħu, eżempju tal-baġit 2019

Jannar-Marzu 2018: Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament iħejji l-linji gwida għall-Baġit 2019:

April 2018: Il-Kummissjoni tirċievi estimi tal-ħtiġijiet tan-nefqa tal-2019 mis-servizzi tagħha u mill-istituzzjonijiet u mill-aġenziji l-oħra.

Ġunju 2018: Il-Kummissjoni tipproponi l-Baġit 2019 qabel l-iskadenza legali tal-1 ta' Settembru.

Lulju 2018: Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament iħejji l-mandat għall-Baġit 2019.

Settembru 2018: Il-Kunsill jadotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu dwar il-Baġit 2019.

Settembru-Ottubru 2018: Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament u wara l-plenarja jadottaw l-emendi.

Ottubru-Novembru 2018: Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jiltaqa' għal tliet ġimgħat iżda ma jirnexxilux jilħaq qbil, il-baġit ma jgħaddix.

Diċembru 2018: Il-Baġit 2019 jiġi ripropost malajr mill-Kummissjoni u adottat mill-Kunsill u mill-Parlament.

Sena 2019: Il-baġit jiġi implimentat. Il-baġits emendatorji jiġu adottati skont it-tibdil fiċ-ċirkostanzi.

Mejju 2020: Il-Kummissjoni tressaq il-kontijiet għall-2019.

Mejju-Ottubru 2020: Il-Qorti tal-Awdituri teżamina l-kontijiet għall-2019.

Novembru 2020: Il-Qorti tal-Awdituri tippubblika r-Rapport Annwali għall-2019 u tagħti (jew ma tagħtix) id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni.

Novembru 2020-Jannar 2021: Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jorganizza seduti ta' smiġħ mal-Kummissarji u jivvaluta r-Rapport Annwali tal-Awdituri u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni għall-2019.

Jannar-Frar 2021: Il-Kunsill jivvota, permezz ta' VMK, dwar ir-rakkomandazzjoni għall-kwittanza.

Frar 2021: Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament iħejji r-risoluzzjoni dwar il-kwittanza.

Marzu 2021: Il-Parlament jiddeċiedi dwar il-kwittanza għall-2019, jew 1) jagħti, jew 2) ma jagħtix, jew 3) itawwal b'sitt xhur sakemm isiru aktar verifiki.

Ottubru 2021: F'każ ta' dewmien, il-Parlament irid jiddeċiedi li jagħti jew ma jagħtix il-kwittanza għall-2019.

Anness III: Impenji ta' nefqa pluriennali mill-1988

1988-1992 (prezzijiet tal-1988)	Total (ECU miljun)	Medja annwali (ECU miljun)	% tan- nefqa	Linja bażi f% ta' 1,28 % tal- PNG	1993-1999 (prezzijiet tal-1992)	Total (ECU miljun)	Medja annwali (ECU miljun)	% tan- nefqa	Linja bażi f% ta' 1,28 % tal- PNG
Politiki pluriennali	9310	1862	3.8	3.6	Politiki interni	31587	4512	6.0	6.0
Koeżjoni	53140	10628	21.7	20.4	Koeżjoni	176398	25200	33.3	33.3
Agrikoltura	142200	28440	58.1	54.5	Agrikoltura	255570	36510	48.2	48.2
Politiki oħrajn	12488	2497.6	5.1	4.8	Azzjoni esterna	32400	4629	6.1	6.1
Amministrazzjoni	22700	4540	9.3	8.7	Amministrazzjoni	25480	3640	4.8	4.8
Impenji	244578	48916			Impenji	529885	75698		
Pagamenti	234679	46936			Pagamenti	505238	72177		
Impenji f% tal-PNG	1.20				Impenji f% tal-PNG	1.28			
Pagamenti f% tal-PNG	1.15				Pagamenti f% tal-PNG	1.22			
"Nonbaġitarji" minħabba impenji f'livell anqas minn 1.28 % tal-PNG	16305			6.3	"Nonbaġitarji" minħabba impenji f'livell anqas minn 1.28 % tal-PNG	0			0
Impenji jekk fil-livell ta' 1.28 % tal-PNG	260883				Impenji jekk fil-livell ta' 1.28 % tal-PNG	529885			

Sorsi: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (1988; 1993; 1999; 2006), il-Kunsill (2013), il-Kummissjoni Ewropea (2018b)

2000-2006 (prezzijiet tal-1999)	Total (EUR miljun)	Medja annwali (EUR miljun)	% tan- nefqa	Linja bażi f% ta' 1.28 % tal- PNG	2007-2013 (prezzijiet tal-2004)	Total (EUR miljun)	Medja annwali (EUR miljun)	% tan- nefqa	Linja bażi f% ta' 1.28 % tal- ING
Politiki interni	43830	6261	6.8	5.7	Kompetittività	74098	10585	8.6	7.0
Koeżjoni	213010	30430	33.0	27.8	Koeżjoni	308041	44006	35.6	29.2
Agrikoltura u sajd	267370	38196	41.4	34.9	Agrikoltura u sajd	293105	41872	33.9	27.8
Ambjent u żvilupp rurali	30370	4339	4.7	4.0	Ambjent u żvilupp rurali	78239	11177	9.0	7.4
Għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni	21840	3120	3.4	2.9	Libertà, ċittadinanza	10770	1539	1.2	1.0
Azzjoni esterna	32060	4580	5.0	4.2	Ewropa Globali	49463	7066	5.7	4.7
Amministrazzjoni	33660	4809	5.2	4.4	Amministrazzjoni	49800	7114	5.8	4.7
Impenji	646190	92313			Impenji	864316	123474		
Pagamenti	641500	91643			Pagamenti	820780	117254		
Impenji f% tal-PNG	1.08				Impenji f% tal-ING	1.05			
Pagamenti f% tal-PNG	1.07				Pagamenti f% tal-ING	1			
"Nonbaġitarji" minħabba impenji flivell anqas minn 1.28 % tal-PNG	119665			15.6	"Nonbaġitarji" minħabba impenji flivell anqas minn 1.28 % tal-ING	189326			18.0
Impenji jekk fil-livell ta' 1.28 % tal-PNG	765855				Impenji jekk fil-livell ta' 1.28 % tal-ING	105364 2			

2014-2020 (prezzijiet tal-2011)	Total (EUR miljun)	Medja annwali (EUR miljun)	% tan- nefqa	Linja bażi f% ta' 1.28 % tal- ING	2021-2027 (prezzijiet tal-2018)	Total (EUR miljun)	Medja annwali (EUR miljun)	% tan- nefqa	Linja bażi f% ta' 1.28 % tal- ING
Kompetittività	125614	17945	13.1	10.2	Suq, innovazzjoni, diġitali	166303	23758	14.7	12.7
Koeżjoni	325149	46450	33.9	26.5	Koeżjoni	330642	47235	29.1	25.3
					Valuri	61332	8762	5.4	4.7
Agrikoltura u sajd	277851	39693	28.9	22.6	Agrikoltura u sajd	254247	36321	22.4	19.4
Ambjent u żvilupp rurali	95328	13618	9.9	7.8	Ambjent u żvilupp rurali	82379	11768.	7.3	6.3
Libertà, ċittadinanza	15686	2241	1.6	1.3	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri	30829	4404	2.7	2.4
Ewropa Globali	58704	8386	6.1	4.8	Viċinat u Dinja	108929	15561	9.6	8.3
					Sigurtà u difiża	24323	3475	2.1	1.9
Amministrazzjoni	61629	8804	6.4	5.0	Istituzzjonijiet tal-UE	58547	8364	5.2	4.5
					Amministrazzjoni oħra	17055	2436	1.5	1.3
Impenji	959988	137141			Impenji	1134583	162083		
Pagamenti	908400	129771			Pagamenti	1104803	157829		
Impenji f% tal-ING	1				Impenji f% tal-ING	1.11			
Pagamenti f% tal-ING	0.95				Pagamenti f% tal-ING	1.08			
"Nonbaġitarji" minħabba impenji f'livell anqas minn 1.28 % tal-ING	268797			21.9	"Nonbaġitarji" minħabba impenji f'livell anqas minn 1.28 % tal-ING	173765			13.3
Impenji jekk fil-livell ta' 1.28 % tal-ING	1228785				Impenji jekk fil-livell ta' 1.28 % tal-ING	1308348			

Il-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu tliet pilastri: in-nefqa tiegħu, il-finanzjament tiegħu u l-awditjar tiegħu. Dan id-dokument jagħti ħarsa lejn l-oriġini tal-baġit, l-iżvilupp tiegħu permezz ta' ppjanar pluriennali u bbaġitjar annwali. Jagħmel dan fost is-setgħat li qed jinbidlu tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-baġit, u l-evoluzzjoni tal-finanzjament tiegħu u tal-proċess tal-awditjar. Sa mill-ewwel Komunità Ewropea tal-1952, kien hemm tensjoni fuq l-ibbaġitjar fost l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, u rabta mill-qrib bejn ir-riformi għan-nefqa u dawk għall-finanzjament.

ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ

Dan id-dokument huwa indirizzat lill-Membri u lill-persunal tal-Parlament Ewropew biex ikun ta' għajjnuna fil-ħidma parlamentari tagħhom. Il-kontenut tad-dokument huwa r-responsabbiltà esklużiva tal-awtur(i) tiegħu, u m'għandux jitqies li jirrifletti pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.